# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 26 ta' Marzu, 2024**

**Rikors Nru. 915/2023 HM**

**fl-atti tal-mandat ta'**

**sekwestru eżekuttiv numru 990/2023 milqugħ**

**fit-28 ta' Ġunju 2023 fl-ismijiet:**

**Jasmin Buchegger**

**rappreżentata mill-mandatarja speċjali**

**l-av. Dr Sarah Sultana**

**v.**

**N1 Interactive Limited**

Kawza Numru: 3

1. Dr Sultana *noe* talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwstru eżekuttiv kontra l-kumpannija N1 Interactive Limited ("N1") biex tenforza sentenza mill-qrati tal-Awtrija. N1 qiegħda, permezz tal-kawża bin-numru 743/2023 li hemm bejn il-partijiet, titlob li jiġi dikjarat li s-sentenza in kwistjoni tmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta u li, għalhekk, l-istess sentenza m'għandhiex tiġi rikonoxxuta u, isegwi, lanqas enforzata.

2. F’dawn il-proċeduri, N1 ressqet rikors – hekk imsejjaħ ‘b’urġenza’[1] – biex

(i) Skont l-art. 44(1)(ċ) tar-Regolament 1215/2012 tordna s-sospensjoni tal-effetti tal-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv bin-numru 990/2023 fl-ismijiet premessi billi tordna li ma jsir l-ebda ġbid jew żbank ta’ flejjes depożitati jew li għad iridu jiġu depożitati mis-sekwestatarji; u

(ii) Tordna lis-sekwestratarji jirrilaxxaw il-kontijiet ta’ N1

u dan sakemm tinqata’ b’mod definittiv jew tiġi ċeduta l-imsemmija kawża.

3. L-avukat Sultana *noe* ressqet risposta li fiha qalet, *inter alia*, li m’għandhiex oġġezzjoni li tintlaqa’ l-ewwel talba imma li ma taqbilx li l-qorti tista’ biss tqis it-tieni talba. Tgħid ukoll li jekk tista’ tqisha, il-qorti m’għandhiex tilqagħha.

4. Il-qorti tqis li fin-nuqqas ta’ oppożizzjoni għall-ewwel talba, ma hemmx raġuni għaliex m’għandhiex tilqagħha; u, f’kull każ, li hemm hemm lok li t-talba tintlqa’. Wara li rat id-deċiżjonijiet ta’ din il-qorti diversament presjeduta miġjuba għall-attenzjoni tagħha miż-żewġ partijiet, il-qorti hi tal-fehma li l-art. 44 tar-Regolament 1215/2012 ma jatgħtihiex is-setgħa li tqisha; għalhekk, u anki għaliex jeżisti rimedju f’każ li dak allegat minn N1 hu minnu, sejra tiċħadha.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda

(i) tilqa’ l-ewwel talba ta’ N1 u għalhekk qiegħda, skont l-art. 44(1)(ċ) tar-Regolament 1215/2012, tordna s-sospensjoni tal-effetti tal-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv bin-numru 990/2023 fl-ismijiet premessi li jfisser li ma jista’ jsir ebda żbank jew ġbid ta’ flejjes depożitati jew li għad iridu jiġu depożitati mis-sekwestatarji, u dan sakemm tinqata’ b’mod definittiv jew tiġi ċeduta l-kawża bin-numru 743/2023 li hemm bejn il-partijiet; u

(ii) tiċħad it-tieni talba, u għalhekk mhix qiegħda tordna lis-sekwestratarji jirrilaxxaw il-kontijiet ta’ N1.

[11] Qed issir drawwa fost xi avukati li rikors jitressqu b’dan il-mod. Id-drawwa trid tieqaf minnufih.

Spejjeż jibqgħu riżervati għas-sentenza fil-kawża bin-numru 743/2023.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Registratur